# 81. Dalwaqt jisbaħ

Dalwaqt jisbaħ,
dalwaqt l-għodwa
qalb is-sħab kull daqs kull sura
sejra tagħmel il-pittura,
dalwaqt timla lil l-orjent
u kullimkien
bid-dilluvju tal-ilwien
u tal-ferħ u tal-qawmien.

Ejja, Majsi, bis-sellum,
bħal kull jum
max-xemx tielgħa
onfoħ w itfi lir-ringiela
tal-fanali
li fuq l-ilma ta' ġol-port
jagħmlu faxxi bħal kanali
ilma w dawl;
isma' l-qniepen ta' San Pawl
u ta' Liesse
qed idoqqu għall-quddies.

Ejja, Majsi, bis-sellum;
tal-fanali m'hemmx il-ħtieġa;
dalwaqt żlieġa
tibda tidher fuq il-baħar,
żlieġa ċomb minn l-aktar fin:
dalwaqt l-għodwa
daħkanija
fuq kull għabra w qatra titfa'
miljun raġġ ta' dawl u dija;
ġej dilluvju tal-ilwien
u tal-ferħ u tal-qawmien!

Int ukoll, ja Poeżija,
li fil-lejl tal-ħajja kiefra
tixgħel dwal ċkejknin tal-ħniena
u ta' sabar u mogħdrija,
ġewwa qalbi, itfi d-dwal,
għax għalija

dalwaqt jisbaħ,
dalwaqt l-għodwa ħamranija
tkeċċI d-dalma
ta' dil-ħajja bla mogħdrija;
ġej id-dawl,
il-qanpiena ta' San Pawl
f'qasir żmien
trid iddoqqli għal qawmien,
għal dilluvju ferħ u lwien,
'l hemm u 'l hemm, lil hinn mill-qabar
fejn bla tmiem hu l-ferħ u s-sabar.

Ilmaħ ftit dik il-gawwija
barra l-port
sejra tofroq
il-għelieqi ta' l-idwal;
dik hi marti tistennieni!
bħalha hieni
inkun jiena f'qasir żmien,
bħalha niġri kullimkien
qalb il-ferħ u qalb l-ilwien,
rwejħa ħielsa
fuq il-ġwienaħ bajdanija
qalb is-sliem, il-ġmiel u d-dija.

Niżżikħajr, ja Poeżija;
ta' xofftejja
ħudha l-bewsa – aħħarija;
ħares ftit ġewwa l-orjent,
kemm hemm dawl, kemm hemm sbuħija,
kemm hemm benna…
hemm il-ġenna.